**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 23, 31, 214, 215, 216 (1) (a) (ii) (iii) (b), 218 (a) (2), 373, 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 23/2010**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**COLIN FARRUGIA**

**(I.D. 511281M)**

**Illum, 25 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **COLIN FARRUGIA** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, imwieled 12 ta' Settembru 1981, Pieta', bin Henry u Liberata nee Borg, residenti f' no 38, Salvu Aquilina Street Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 511281M tressaq quddiemha akkuzat talli:

F' dawn il-gzejjer, nhar is-7 ta' April, 2009 fil-Mellieha f' xi hin bejn nofsinhar u s-sitta ta' filghaxija kkaguna griehi ta' natura gravi li ggib difett permanenti f' parti

tal-ghamla tal-gisem fuq il-persuna ta' Augustine Bonello skond ma ccertifikatu Dr Claire Bellia MD reg no 5113 ta' l-isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija torbot lill-akkuzat b'obbligazzjoni taht l-artikoli 383/384 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' estratt mill-att tat-twelid.

Rat li din il-kawza giet quddiemha bid-digriet ta' assenzjazzjoni tal-Prim' Imhallef tas-26 ta' Ottubru, 2017.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

**L-allora Spettur Therese Sciberras** xehdet nhar l-20 ta' Ottubru, 2011 fejn iddikjarat illi hija kienet qed tixhed rigwardanti l-fatti li hi setghet tikkonstata f'dawk l-ahhar snin li kienet l-ghassa l-Qawra. Hija pprezentat kopja tal-*birth certificate* tal-imputat li gie markat bhala Dok TS1, il-fedina penali tal-imputat bhala Dok TS2, l-istqarrija li hija hadet ta' l-imputat Colin Farrugia liema stqarrija ittiehdet fil-prezenza ta' PC 116 u tikkonsisti minn pagna wahda. Din l-istqarrija ttiehdet wara li Colin Farrugia nghata s-solitu twissija.

Hija gharfet il-firma taghha, il-firma ta' PC 116 u l-firma ta' Colin Farrugia. Qalet li lil Colin Farrugia qed tgharfu ukoll fl-awla. L-istqarrija giet immarkata bhala Dok TS3. Hi pprezentat rapport tal-PIRS koncernanti l-incident bhala Dok TS4 u pprezentat kopja wkoll tac-certifikat mediku li gie mghoddi lill-pulizija minn Augustine sive Wistin Bonello li ccertifika li qed isofri minn feriti ta' natura gravi, esebit bhala Dok TS5.

**Winston Bonello** xehed nhar l-20 ta' Ottubru, 2011 fejn iddikjara illi huwa jahdem bhala *watch man* mal-Gvern. Zied jghid illi hu ghandu ishma ta' raba' gewwa Selmun.

Rigward l-imputat qal li huwa ma jafux *de proprio* pero' jaf min hu di vista ghaliex mhux l-ewwel darba li dahallu fl-ghelieqi ghall-kacca. Dan rah diversi drabi fl-ghelieqi tieghu bis-senter. Dwar l-incident qal li madwar sentejn qabel ghall-habta ta' April, madwar l-4.30pm jew il- 5.00pm x'hin wasal quddiem il-villa rah hiereg 'l barra minn Selmun u malli rah huwa gholla idu mal-hgiega biex ma jharisx lejh. L-imputat dawwar, mar jipprova jrossu bil-karozza tieghu xi erbgha jew hames darbiet u malli waslu quddiem il-*bollards* ta' Selmun, tefa' quddiemu, hareg u fetahlu l-bieba tal-vann tieghu u beda jfajjarlu bl-addocc u qallu li kien tella' subghajh biex joffendih.

Ix-xhud qal li hu tella' idu biex ma jharisx lejh. Gablu wiccu kollhu demm, kissirlu snienu ta' fuq u beda jaghtih bil-ponn. Wara mar l-ghassa u mbaghad mar il-poliklinika. Il-poliklinika baghtuh Mater Dei ghax huma ma setghu jaghmlu xejn. Hu ra Dok TS5 u qal li dan huwa c-certifikat mediku li hu stess ta lil pulizija. Hu kellu jmur l-isptar, ghaliex l-ghadma ta' mniehru kienet miksura. Tenna li damet aktar minn xahar biex fieqet. Apparti dan, kissirlu xi erbgha jew hames sinniet ta' fuq. Mistoqsi jekk huwa qattx ghamel xi haga lil imputat, huwa wiegeb li le u huwa l-imputat li dejjem jidhollu fir-raba'. Darba minnhom rah ghaddej u malli l-imputat rah ghaddej bil-vann beda jaqbez minn ghalqa ghal ohra biex jistahba. Kienu qeghdin hu u ommu u lil ommu hasibha ohtu u beda joffendih b'ommu ghax lil ommu kien hasibha ohtu.

Ghajru wkoll mignun u hafna affarijiet ohra. Meta gie mistoqsi jekk dakinhar kellux xi mingel, huwa wiegeb li kellu mingel. Ix-xhud wiegeb li dan il-mingel kien in-naha tal-passiggier ma' l-art u li hu ma hargux mill-karozza. Qal illi l-mingel ma setax jghollih ghax malli pprova itellghu, hu dahallu mill-bieba 'l gewwa u kompla jtih. Mistoqsi min ta' l-ewwel daqqiet huwa wiegeb li kien l-imputat li ta' l-ewwel daqqiet. Huwa qal li qabel ma gara dan l-incident kien ghamel diversi rapporti ohra fuq l-imputat fejn irraportah lill-pulizija li kien jidhollu fl-ghalqa ghall-kacca.

Kompla jghid illi r-raba' ta' l-imputat qeghda l' barra minn tieghu. Mistoqsi jekk it-trejqa li jghaddu minnha hiex l-istess wahda hu wiegeb, li iva t-triq principali hija l-istess wahda. Qal li l-ghalqa ta' l-imputat hi l'barra iktar minn tieghu. Zied jghid illi mit-triq li jghaddu, hu u l-imputat, jghaddu bdiewa ohra u qatt ma kellu argumenti ma' bdiewa ohra. Meta mistoqsi jekk bil-gurament jikkonfermax li ma kellux argument ma' bdiewa ohra wiegeb li argumenti kien ikollu u li dawn l-argumenti kienu bil-kliem.

Hu qal li qatt m' ghamillu xi gesti b' subghajh u li lanqas offendih '*mur hudu foxx ommok'*. Hu cahad li nizel ghall-imputat bil-mingel. Kompla jtenni li l-mingel zammu dejjem fil-karozza. Huwa qal li meta mar l-ghassa, mar ukoll l-imputat u eventwalment dahlu l-ghassa flimkien. Qal wkoll illi qabel kien qal lil pulizija li kellu argument mieghu ghax dahallu fl-ghalqa jonsob jew jikkacja, izda dakinhar biss ma qalilhomx. Mistoqsi jekk x'hin kellu xi jghid ma l-imputat kienx l-imputat li ta l-ewwel daqqa wiegeb fl-affermattiv. Sussegwentament, mistoqsi jekk irreagixxix, huwa wiegeb li le. Kompla jghid li l-griehi ta' l-imputat gew minhabba li mar jaqbad il-mingel. Meta mistoqsi jekk l-imputat hadlux il-mingel minn idu biex ma jaghtihx bih, hu wiegeb li l-imputat dahallu mill-bieba l' gewwa u pprova jehodielu min-naha tax-xafra.

**Winston Bonello** rega' xehed nhar il-21 ta' Frar, 2012 fejn esebixxa fotokopja tac-certifikat mediku rilaxxjat lilu mill-Isptar Saint James, liema certifikat ikkonferma l-ksur li ghandu fi mniehru. Ic-certifikat mediku gie esebit in fotokopja ta' l-original, liema original ntwera lill-Qorti u l-Qorti kkonstatat li l-fotokopja hija vera kopja tal-original. Esebixxa wkoll certifikat iehor ukoll fotokopja li l-Qorti kkonstatat li huwa vera kopja ta' l-original, rilaxxat mill-ufficju tad-dentisti Vella Bardon li jispjega xi nterventi kellhom isiru in konnessjoni ma snienu. Esebixxa wkoll certifikat mahrug mid-Dipartiment tal-Kura Primarja li gie esebit fl-orignial, liema certifikat gew immarkati bhala Dok WB1, WB2 U WB3.

Ix-xhud in kontro ezami kkonferma li l-kaz gara fis-7 ta' April, 2009. Ikkonferma wkoll li gie ezaminat gewwa l-isptar Mater Dei. Qal wkoll illi kellu diversi snien miksurin u mhux tnejn biss, ghaliex kellu tnejn ohra jiccaqalqu flimkien ma' qasma u barxa fuq imniehru, nefha u tbengila. Kompla jzid li iktar minn sena wara, fil-hdax ta' Gunju mar ghand dentist u wara dik is-sena mar privat St. James Hospital. Meta mistoqsi jekk marx hemmhekk ghall-**cosmetic surgery** qal li mar hemm ghall-istima.

**PS 70 Omar Caruana** xehed nhar il-21 ta' Frar, 2012 fejn xehed li huwa ghamel l-okkorrenza li esebixxa dwar ir-rapport li kien dahhal fl-ghassa tal-Mellieha fis-7 ta' April, 2009. Lill-imputat kien kellmu u dak li ntqal minnu hu registrat fl-okkorrenza. Mistoqsi min kien ghamel ir-rapport, qal li kien certu Wistin Bonello li gharfu bhala x-xhud immedjatament qablu. Dak li qallu s-Sur Bonello rregistrah wkoll. Mistoqsi jekk jafx x'kienet il-kawza ta' dan kollu, huwa qal li Wistin Bonello kien qallu li kien hemm persuna li qed issuq vettura u mblukkatlu t-triq Selmun u li harget ghalih, tatu daqqa ta' ponn go wiccu u li meta dahal l-ghassa kellu wiccu mimli demm.

Mistoqsi wkoll jekk l-imputat qallux xi haga hu wiegeb li meta tkellem ma' l-imputat spjegalu bil-kontra ta' Wistin Bonello u qallu li mblukka t-triq hu, hariglu s-subgha tan-nofs u offendih b'ommu. Meta staqsieh ghal x'hiex imbaghad, gara l-argument, habtu ghal xulxin, ikkonferma li l-imputat kien qallu a tempo vergine li l-kwerelant kien hareg ghalih b'mingel pero' hu sar jaf bil-mingel hafna wara ghax hu kien wahdu u ssepara lil Augustin sive wistin Bonello minn ma l-imputat u kien baghatu 'l hemm ghax kellu bzonn il-kura.

Imbaghad wara kellem lil Colin u dan semmielu li Bonello kien hareg bil-mingel ghalih. Mistoqsi jekk kienx mar fuq il-post meta gara l-incident huwa qal li z-zewg partijiet kienu marru l-ghassa, l-ewwel kien mar Bonello imbaghad mar l-imputat. Hu kien isseparhom u kellem lil kull wiehed minnhom, pero mar marx fuq il-post ta' l-incident.

**Dr. Fabrizia Azzopardi** xehdet nhar il-31 ta' Lulju, 2012 fejn iddikjarat illi hija tezercita l-professjoni ta' tabib gewwa l-poliklinika tal-Mosta. Hija giet mitluba tixhed fuq Winston Bonello, u kkonfermat li ezaminatu fis-7 ta' April, 2009 fis-sitta neqsin kwart. Sostniet li dan kien qed isofri minn barxa fuq imniehru ta' centimetru, qasma fuq imniehru ta' nofs centimetru u li kellhu nefha wkoll. Ziedet tghid li kellu wkoll nefha u tbengila fuq hugbejh tal-lemin, zewg sinniet ta' quddiem miksurin u li kellu tbengila wkoll fuq in-naha tal-lemin ta' mohhu ta' 2cm. Hi kienet bghatitu l-emergenza ghal iktar investigazzjonijiet u qaltlu biex jara dentist.

Tenniet wkoll li lil pazjenti ma tiftakarhomx pero f' dan il-kaz hija kienet rat wkoll lil Colin Farrugia u kienet ghamlet affidavit fuq dan il-kaz diga'. Mistoqsija dwar jekk ghamlitx l-affidavit quddiem dik il-Qorti hija qalet li kellha tahrika ohra.

Mistoqsija wkoll x'tiftakar fuq Colin Farrugia fil-kawza l-ohra hija qalet li kienet ratu fis-7 ta' April, 2009 fis-sebgha neqsin ghoxrin ta' filghaxija u dan kellu qasma fit-tieni sebgha tax-xellug ta' 2.5cm u tbengila ta' 0.3cm fit-tielet sebgha tal-lemin. Hi kompliet tghid li qatt ma regghet rat lil Augustine Bonello. Kompliet izzid li l-griehi kienu ta' natura gravi u kienu jikkonsistu minn tbengil, brix u snien imkissrin. Il-gravita' kienet minhabba s-snien u hi rreferitu l-isptar.

Mistoqsija ghal liema raguni kellha klawsola 5 fuq ic-certifikat maqtugha, hija qalet li ziditha dakinhar stess u li dak kien kopja taghha u li fl-original tal-Qorti ma tahsibx li fih qeghda maqtugha. Mistoqsija wkoll jekk talbitx il-*history* tad-dentistrija tieghu rigward is-snien imkissrin, hija qalet li fil-Mosta m'ghandhomx access ghal dawn id-dokumenti pero' hi qaltlu biex imur jara dentist. Tenniet li ma tafx jekk marx jara dentist u lanqas ma taf jekk kellux xi kundizzjoni qabel. Meta murija c-certifikat a fol 52 tal-process hija qalet li din hija maqtugha pero' imbaghad ziditha wara hi stess u ffirmata, jigifieri din mhix maqtugha. Kompliet izzid li din it-tbengila kienet hemm.

Xehed wkoll it-Tabib **Joseph Briffa** nhar it-22 ta' Mejju, 2013 fejn iddikjara li huwa qed jixhed rigward persuna Winstin Bonello. Din il-persuna kien raha fit-tmintax ta' Gunju, 2010 fi klinika privata. Dan l-individwu kien allega illi kien gie aggredit u li sofra xi griehi fi mniehru u li mar ghandu biex jara jekk setax jirrangalu l-forma ta' mniehru. Meta ezaminah sab li kellu z-zewg ghadmiet ta' mniehru prominenti. Din il-prominenza kienet tispikka izjed fuq in-naha tal-lemin. Kien hemm targa bejn l-ghadam u l-qarquciet ta' l-imnieher li ndikatlu li l-qarquciet kienu sseparaw minn ma' l-ghadma. Fl-opinjoni tieghu kienu affarijiet li permezz ta' intervent kirurgiku, setghu jirrangaw ruhhom, pero' minn dakinhar qatt ma rega' rah.

Qatt ma ra ritratti ta' mniehru kif kien qabel l-allegat incident, jigifieri hu ma setax jghid jekk l-affarijiet li kien hemm kinux rizultat dirett ta' l-allegat incident jew le. Mistoqsi jekk il-parti lesa qallux li giet konsegwenza ta' daqqa ta' ponn, dan wiegeb li din giet konsegwenza ta' daqqa.

Kompla jghid illi huwa jqis dawn il-griehi bhala gravi jekk dejjem dan jirrizulta mill-incident li hu qed jallega, ghaliex din tigi *deformity*, forma ta' sfregju. Mistoqsi jekk ikunx hemm sfregju, qal li jekk ma jsirx intervent dan jibqa' hekk. Meta mistoqsi kemm din iddum biex tfiq f' kazijiet ohrajn huwa wiegeb illi bhala ksur generalment biex jissahhu l-ghadam idum iktar minn 30 gurnata, pero' biex ifiequ, fis-sens li jigu solidi bizzejjed li ma jiccaqalqux trid inqas minn 30 gurnata. Zied jghid illi l-pazjent mar go sptar privat u li hu ma rahx wara l-incident.

It-Tabib **Joseph Briffa** rega' xehed nhar l-14 ta' Jannar, 2014 dwar Wistin Bonello u spjega li l-intervent li kellu bzonn Bonello jsejhulu *rhinoplasty,* li tinvolvi li titnaqqas il-prominenza ta' dawk l-ghadmiet u jinghalaq l-ispazju li hemm bejn l-ghadam u l-qarquciet. Meta hu staqsieh x'kien gara u hekk, hu qal li kien gie aggredit u li ntlaqat fi mniehru pero' ma setax jikkonferma illi dak li kien qieghed jara kienx fil-fatt rizultat ta' l-incident jew le ghaliex huwa ma jafx kif kien

imniehru qabel l-allegat incident. Lanqas ma kien jaf jekk sarx xi ntervent fuqu mill-aspett mediku ghaliex minn dakinhar li kien mar jarah huwa m'ghamillu l-ebda ntervent u ma jafx lanqas jekk haddiehor ghamillux xi haga jew le. Huwa qal li dik kienet l-unika okkazzjoni li rah.

Huwa rrefera ghal kopja ta' l-affidavit li kien baghat fejn kellu d-dettalji u ddikjara li hu qatt ma hariglu certifikati. Ix-xhud esebixxa dan id-dokument. Meta muri d-dokument a fol 50, ix-xhud spjega illi dik hi nota li hareg dakinhar fil-klinika. Bonello kien talbu kemm jigu l-ispejjez u hu kien nizzel nota ta' dak li kien ghadu kemm qal ezattament u kemm tigih biex jaghmel intervent. Mistoqsi kif jikklassifika l-ferita, tenna ili l-ferita jekk dejjem kienet rizultat ta' l-incident, tikkonsisti fi sfregju, fis-sens li din hija fil-wicc u hija xi haga li tidher. Kompla jzid li din il-ferita jiklassifikha **gravi per natura** mhux **gravi per durata**.

Xehed wkoll id-Dentist **Carmel Galea Bonavia** nhar l-14 ta' Jannar, 2014 fejn qal illi s-Sur Bonello mar ghandu ghax kellu zewg sinniet imfarrkin u li hu kien qallu li kien qala' daqqa u rreferih id-Dental Clinic Mater Dei biex jarah xi specjalista' biex jipprofondi l-ezami ghax hemmhekk l-ispecjalisti setghu jghidu aktar minnu xi hsara saret u ma saritx. Ikkonferma li hu rah u kkonstata li kellu hsara fuq iz-zewg sinniet ta' quddiem u rreferih Mater Dei. Zied illi x'gara Mater Dei huwa ma kienx jaf u lanqas min rah. Meta mistoqsi jekk jiftakarx li hareg certifikat dwar dan kollhu, huwa qal li dik kienet ittra li kien kitiblu dwar xi **treatment** kellu bzonn biex jirrijabilita. Mistoqsi jekk jikkonfermax li din ghamilha hu u li din tinsab a fol 15, wiegeb iva.

Xehdet wkoll **Dr. Claire Bellia** (tabib) nhar il-25 ta' Frar, 2014 fejn qalet illi kienet tezercita l-professjoni ta' tabiba sal-2009 u li issa waqfet u ghandha kariga differenti. Mistoqsija jekk kinitx ghadha tezercita l-professjoni taghha ta' tabiba f' April 2009 hija wiegbet fl-affermattiv. Meta murija fol 23 tal-process, hija qalet li dan ir-rapport iffirmatu hi. Kompliet tghid li dan irrilaxxatu d-dipartiment tal-

emergenza fl-isptar Mater Dei. Sostniet li kienet immedikat lil Wiston Bonello. Hija ziedet li m'ghandiex in-numru tal-karta ta' l-identita' ta' Winston Bonello.

Mistoqsija x'sabitlu, hija wiegbet li kellu daqqa f'wiccu u milli setghet tifhem kellu tbengila fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu. Hija qalet li difficli tghid ma' xiex hija kompatibbli ghaliex din tista' tkun daqqa ta' ponn jew waqgha u tista' tkun affarjiet ohra. Mistoqsija jekk din hiex kontuzjoni hi wiegbet iva. Tenniet li hemm il-kitba ta' zewg tobba ohra li tassumi li *hadu over* minghandha u fejn huma qed jghidu, li din mhix il-kitba u l-firma taghha hemmhekk. Hi kkonfermat li sakemm kienet involuta hi, rriskontrat din id-daqqa fuq wicc il-pazjent.

**Dr. Stefan Grech** xehed nhar il-31 ta' Lulju, 2014 fejn qal illi lill-imputat ma jafux minn wiccu. Ikkonferma li kien qal lill-pulizija li Bonello kellu imnieher miksur u li l-griehi jiklassifikawhom bhala **mhux** gravi, minhabba li wara 6 gimghat, wiehed ikun lura ghan-normal. Mistoqsi jekk ksur fl-imnieher idumx aktar minn tletin jum biex ifiq, wiegeb illi hu m'huwiex specjalizzat fuq l-ENT u li seta' jghid biss illi sa sitt gimghat ghandu jfiq. Tenna illi Bonello ma qallux kif garrab dawn il-feriti u li hu prova jfittex dawn in-noti l-isptar, pero' ma seta' jsib xejn miktub min-naha tieghu. Zgur li ma kienx jiftakar x'gara u x'intqal lilu hames snin ilu. Li seta' jghid kien, li jikkonferma dak li kien kiteb fic-certifikat illi kien hareg hu stess, u li f'dak ic-certfikat ma kienx nizzel dettalji ta' kif grat l-injury.

Qal li kellu kopja ta' dak li kiteb u pprezenta c-certfikat rilaxxjat minnu fejn hemm miktub "Fracture nose on x-ray (undisplaced)". Dik hija miktuba minnu filwaqt li l-kumplament li hemm fuq ic-certfikat hija miktuba minn persuni differenti.

Rat ili fis-seduta tal-11 ta' Settembru, 2014 (fol 162) gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq referita.

**Colin Farrugia** xehed nhar it-30 ta' Jannar, 2018 fejn qal illi huwa jahdem bhala suldat fil-forzi tal-armata ta' Malta u sa dakinhar kien ghadu jahdem hemmhekk u m'huwiex sospiz, pero' ghandu l-*promotion* tieghu mizmuma. Jaf illi fil-passat kien gidmu l-kelb ta' Agostino Bonello u fil-fatt kellu xi jghid mieghu, pero' fir-rigward ta' dak l-incident kien hafirlu u baqghu jitkellmu ta' fuq fuq.

Pero' f'dik il-gurnata ta' l-akkuza odjerna u cioe' fis-7 ta' April, 2009, spjega li kien ghadda minn quddiem il-kwerelanti fir-razzett tieghu u l-kwerelanti kien ghamillu sinjal b'subghajh u baqa' ghaddej. Din l-affari grat ripetutament. Ir-razzett tieghu jinsab gewwa Selmun.

Dakinhar jghid li ma kienx miexi, kien se jirkeb fil-karozza tieghu biex isuq 'il gewwa lejn Selmun, u Bonello ghadda minn quddiemu bil-vann u offendih kocc, ghamillu gest b'subghajh u baqa' diehel 'il gewwa. Huwa qala' warajh.

Sostna li hemmhekk hija triq wiesgha biex kien se jibqa' sejjer u l-iehor fil-fatt naqqas. Ikkonferma li l-kwerelant gie warajh u beda jdoqq u jdoqq u jdoqq. Peress li deherlu li ma kienx ghad hemm aktar argumenti bejniethom, (stante li kif spjega aktar il'fuq kien sahansitra anke mar l-Ghassa u hafirlu), ried jara xi jrid Bonello, peress illi haseb illi forsi kien inqalalu xi haga. Qal li hu waqaf u l-kwerelant waqaf warajh b'mingel f'idejh. Malli ra hekk huwa twerwer. Qal li fil-fatt Bonello huwa persuna itwal minnu. Qal li Bonello xejjer bil-mingel waqt li qabadlu l-mingel. Qal li kieku Bonello laqtu kien joqtlu.

Spjega li Agostin beda jigbed il-manku waqt li hu beda jigbed mix-xafra u li naturalment ix-xafra baqghet diehla go subghajh. Qal li c-certifikat tieghu jinsab esebit fl-atti. Zied illi huwa xejjer idu u mar jigri lejn il-karozza tieghu biex jitlaq lejn l-Ghassa, biex jirraporta u mbaghad Bonello mar l-Ghassa wiccu kollu demm. Sostna illi ma setax jifhem kif dan kellu wiccu bid-demm ghax hu ma kien

ghamillu xejn, fil-fatt il-mingel ma kellux wisq demm, kellhu ftit demm minn idejh. Qal li huwa ma kellux hafna demm hiereg minn idejh.

X'hin il-kwerelant wasal l-Ghassa, il-vann tieghu kien mimli demm u x-xhud ma setax jifhem x'gara. Tenna illi meta huwa qal lill-pulizija biex jeleva l-arma, il-pulizija qallu li huma ma rawhx jaghti bih, ghalhekk ma elevawhiex u fil-fatt qal li l-ferita fuq subghajh ghadha tidher u wera subghajh lill-Qorti.

Qal li dwar dan l-incident kien hemm proceduri fil-Qorti fil-konfront ta' Agostin Bonello, fejn gie akkuzat li aggredixxa il-persuna tieghu b'arma u kien instab hati. Qal li effettivament Bonello kien fil-fatt ammetta li kien hareg ghal Farrugia bl-arma, quddiem il-Magistrat Micallef Trigona u li minn dakinhar ma kellux x'jaqsam xejn aktar mieghu.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2018, il-Prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali tal-kwerelanti. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-kwerelant kiser dufrejh mal-ligi diversi drabi u dan sa mis-sena 1988 sa 2016 fejn instab hati ta' diversi reati fosthom dawk li kiser l-ordinanza tat-Traffiku, serq aggravat akkuzi dwar iz-zamma ta' annimali, theddid, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi ta' awtorita' ta' persuni nkarigati b'servizz pubbliku , ricettazzjoni, talli ghamel akkuza fil-konfront ta' persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat meta kien jaf li din il-persuna hija innocenti, oltragg, ingurji u theddid tali ikkaguna feriti ta' natura hfief, u talli hebb ghal persuni u inghata pieni diversi konsistenti f'multi u ammendi u sahansitra anke inghata xi probations.

ili fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2018 il-Prosekuzzjoni u d-difiza rremettu ruhhom ghall-atti processwali waqt li l-avukat tal-parte civile tratta l-mertu tal-kawza u lkoll flimkien u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-imputat u li fi ftit kliem jghid li kien l-allegat vittma li kien aggredih billi waqaf il-karozza u hareg minnha b'mingel f'idejh u beda ixejjirha fid-direzzjoni tieghu u huwa mar izommha biex jiddefendi lilu innifsu u ma jintlaqatx u dik esposta mill-Prosekuzzjoni kif allegatament kien irraportat mill-kwerelanti stess li kien l-imputat li beda itih daqqiet l'hemm u l'hawn bla ma ta xi spjegazzjoni u li sahanstira anke jkissirlu imniehru.

Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza li l-kwerelanti kif ukoll l-imputat zammew l-istess verzjoni tal-fatti kif spjegati minnhom minkejja li huma opposti ghal xulxin.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti sejra taghmel apprezzament tax-xhieda u dan minkejja li ma ghexietx il-process kollu tul medda ta' zmien li ilu pendenti l-Qorti ghaliex kien biss wara l-assenjazzjoni mill-allura Prim Imhallef li hija hadet konjizzjoni tieghu meta l-Prosekuzzjoni kienet kwazi gja lesta bil-provi taghha. Cio nonostante pero' kienet din il-Qorti kif preseduta li semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u ghalhekk kienet f'posizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament tieghu, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie ritenut diversi drabi fis-sentenza tal-Qorti, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt

ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**Artikolu 638(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju, 2003, "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*"[1]

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini[2]:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

[1] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006**
[2] fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

Il-Prosekuzzjoni resqet lill-kwerelanti jixhed u jispjega kif fil-fehma tieghu kien sehh l-incident, resqet lill-pulizija ezekuttiva li hadet l-okkorrenza relattiva u d-diversi tobba li kienu ezaminaw kemm lill-kwerelanti kif ukoll lill-imputat. L-imputat ghalkemm m'huwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed u jaghti l-verzjoni tal-fatti kif jafhom hu. Illi xhieda ohra okulari tal-incident apparti l-partijiet ma kienx hemm. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal grad li trid il-ligi u cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**[3]' tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

[3] - 1974 - 2 ALL ER 372

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*."

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen'**[4]**.**

"*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et'**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*."

Bhala konkluzjoni dwar x'inhi l-ahjar prova, il-Qorti tissottolineja li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija

[4] 1952 AC 480, 489.

semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara liema hija l-verzjoni l-iktar affidabbli fic-cirkostanzi.

Illi l-avukat difensur tal-parte civile sostna fit-trattazzjoni tieghu illi dana kien attakk feroci li sar mill-imputat, suldat, meta huwa kien fid-dmir li jipprevjeni incident simili u mhux jikkawza feriti ta' natura gravi kif filfatt ghamel.

Il-Qorti pero' tattira l-attenzjoni ta' l-avukat difensur tal-parte civile illi l-imputat fl ebda hin ma kienx akkuzat bir reat kif dispost fl artikolu 141 tal-Kapitolu 9 ta Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ulterjoment.

Wistin Bonello jghid fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Ottubru, 2011 jekk l-imputat ghamillux xi haga sabiex huwa jirreagixxi, jghid li l-imputat ma kien ghamillu xejn, dak in-nhar qabel ma hebb ghalih. Jghid li dakinhar ra lill-imputat hiereg il-barra mit-trejqa li jghaddu minnha sabiex imorru lejn l-ghelieqi taghhom u meta ra hekk gholla idu mal-hgiega biex ma iharrisx lejh. Dak il-hin jghid li l-imputat dawwar il-karozza u mar jipprova jrossu bil-karozza xi 4 jew 5 darbiet u appena waslu quddiem il-bollards ta' Selmun jghid li l-imputat tefa' quddiemu u fetahlu l-bieba tal-van tieghu u beda jfajjarlu bl-addocc u staqsih ghaliex kien tellghalu subghajh biex joffendih.

Il-kwerelanti jammetti li vera kien tellgha idejh pero' jghid li ghamel hekk biex ma jharisx lejn l-imputat. Cio' nonostante jghid li l-imputat gablu wiccu kollu demm u

ghalhekk mar l-ghassa jghamel rapport u wara l-isptar. In ezami ma jghid xejn dwar il-mingel li ntuza fil-glieda li kellhom.

Kien biss in kontro-ezami li jghid li dan il-mingel kien fuq in-naha tal-passiggier mal-art. Mistoqsi jekk gholliex dan il-mingell jghid li le ghaliex l-imputat dahal mill-bieba 'l gewwa u kompla itih meta rah ser jgholli l-mingel. Allura l-Qorti tistaqsi kif l-ewwel jghid li l-mingel kien mal-art imma imbaghad ftit sekondi wara jghid li l-imputat kompla itih meta rah jgholli l-mingell. Jew kien mal-art jew kien f'idejh. Hawnhekk il-kwerelant ma hux kredibbli fir-rigward tal-mingell.

Interessanti ukoll ghal Qorti kif il-kwerelant wiegeb id-domanda tal-avukat difensur meta mistoqsi jekk kellux xi jghid ma bdiewa ohra fl-inhawi, ghall-ewwel jghid le, minkejja li deher incert izda fuq ripetizzjoni tal-istess domanda, il-kwerelant ibiddel il-verzjoni tieghu u jghid li argumenti kellu iva.

Il-kwerelant jghid ukoll li huwa kellu argument mal-imputat ghaliex dahallu fl-ghalqa biex jonsob pero' lill-pulizija ma kienx qallhom hekk.

Mistoqsi jikkonferma jekk huwa ukoll ta xi daqqiet lill-imputat, jichad u jghid li mhux minnu u meta gie mistoqsi allura kif l-imputat spicca bil-feriti jghid li l-imputat ipprova jaqbad il-mingel ex admisses, jghid b'referenza ghall-imputat "*prova johodli min naha tax-xafra*."

Illi ghalhekk jidher li in effetti l-mingel kien f idejn il-kwerelanti u mhux kif qal fix-xhieda principali tieghu li l-mingell kien mal-art ghaliex kieku l-kwerelanti kien jghid li l-imputat kien ipprova jigbor il-mingel minn mal- art mhux '*johodli l-mingel'*. Il-feriti li l-imputat kellu f'idejh huma kompatibbli mal-fatt li kien hemm qisu ta' tigbid ta' mingell min naha ghall-ohra u kien ghalhekk li spicca b'feriti f'idejh kif deskritti fl-okkorrenza a fol 21. Il-pulizija li kiteb l-okkorrenza u li sahansitra xehed f'dawn il-proceduri u cioe' PS 70 Omar Caruana jghid li l-imputat dak il- hin li ghamel ir-rapport kellu "*a cut on his left index finger and a punctured*

*wound on his right middle finger*". Ma hemmx x'jigi diskuss dwar jekk dawn il-feriti li kellu l-imputat gewx kagunati waqt l-incident u dan ghaliex huma ammessi kemm mill-imputat stess kif ukoll mill-kwerelanti.

Illi mhux in diskuss li f'din il-glieda l-kwerelant kellu ukoll xi griehi kif deskritti mit-tobba li xehdu f'dawn il-proceduri. Dwar jekk pero' l-kwerelant kellux imniehru miksur qabel u cioe' li l-ghadma kienitx diformata minn qabel kif stqarr Mr. Joe Briffa l-kirurgu ma nafux. Li nafu zgur hu li dakinhar kellu d-demm f'halqu u li kellu xi snien imkisrin u li ghalhekk dawn wahedhom jikklassifikaw bhala feriti ta' natura gravi ghaliex jikkostitwixxu sfregju fil-halq li jifforma parti mill-wicc.

L-**Artikolu 216(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

"*L-offiza fuq il-persuna hija gravi u ghandha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin:*

*a. jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz*."

Il-Qorti tirrileva li bil-kelma *'mankament'* [jew fit-test Taljan tal-ligi taghna allura l-artikolu 222 '*deformation*'] fil-wicc qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc, li anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament cioe *'peggioramento d'aspetto notevoli o complessivo, o pero l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme dell volto'* [5]

Ghalhekk din hija l-kelma 'sfregju' li tfisser hsara fir-regolarita tal-wicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc.

---

[5] Manzini V. - Trattato di Diritto Penale Italiano - Vol 8 - Cap XXVIII - pg. 235

Illi ghalhekk tali ferita u cioe' ksur ta' zewg sinniet kif deskritti mid-Dentist Galea Bonavia fix-xhieda tieghu jammontaw ghal feriti ta' natura gravi.

Jispetta ghalhekk lil din il-Qorti pero' tara jekk in effetti l-imputat ghandux jinzamm responsabbli talli kkaguna tali ferita ta' natura gravi jew jekk fil-fatt l-imputat kienx qed jagixxi ghall-legittima difesa tieghu.

X' qal l-imputat fl-istqarrija tieghu u dan a tempo vergine tal-investigazzjoni? Dan spjega fl-istatement li rrilaxxja nhar id-19 ta' Ottubru, 2009 (Dok TS 3 a fol 17) li kemm il-darba l-kwerelanti jghamillu gesti oxxeni b'idejh izda huwa jibqa' ghaddej lejn l-ghelieqi tieghu u ta' familtu. Qal li dak in-nhar waqt li hu kien bi kwietu fl-ghalqa tieghu, l-imputat ghadda bil-vann u hariglu subajgh tan-nofs u offendih u baqa' sejjer lejn id-direzzjoni tal-lukanda. Huwa qabad il-vann u saq ghal warajh. Meta l- kwerelant waqaf, dan waqaf warajh biex jara ghaliex kien ghamillu hekk. Dak il- hin l-imputat jghid li l-kwerelant ma qall xejn salv li hareg ghalih b'mingell. Jghid li meta ra hekk iddefenda ruhu billi tah daqqa ta' ponn go wiccu meta fil-fatt setghu inkisru is-snien tal-kwerelant.

L-imputat meta tkellem mal-police officer li ha l-okkorrenza u cioe' PS 78 Caruana jikkonferma li kien gja fil-karozza u qabad u dawwar id-direzzjoni ta' fejn kien sejjer u baqa' isuq ghal warajh. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni ghaliex il-kwerelant ukoll jghid l-istess dwar kif beda dan l-inkontru. Salv li l-imputat jghid li l-kwerelant ghajru u gholla subajgh tan-nofs u kelmu hazin u l-kwerelant jghid li gholla subajgh biex ma jharisx lejn l-imputat huwa hu ghaddej minn din it-triq.

Il-kwerelant jichad li hareg bil-mingell f idejh pero' jammetti li l-imputat wegga' meta pprova johodlu l-mingel. Jidher li l-feriti li ssubixxa l-imputat kienu fl-idejn u ghalhekk dan huwa indikattiv li huwa pprova jiehu l-mingell li kien qed jigi mizmum min naha l-ohra u ghalhekk it-tezi tal-imputat li l-kwerelant kellu l-mingell f'idejh hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi molto piu' meta tqis li bejnu u

bejn l-imputat gia' kien hemm xi differenzi tant li l-kwerelant kien diga' ghamel rapporti ohra fil-konfront tieghu.

Huwa mprobabbli li meta l-imputat saq ghal warajh u waqaf warajh, huwa ma harigx il-mingell meta hu stess jghid li kien irrabjat ghaliex l-imputat jidhol fl-ghelieqi tieghu biex jonsob. In oltre harsa lejn il-fedina penali tieghu jindika li l-imputat diga' kellu tendenza li jaggredixxi lil terzi.

L-imputat jghid a tempo vergine li huwa pprova jiehu l-mingell minghand il-kwerelant sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-kwerelant. Il-Qorti nnotat li filwaqt li l-imputat ghandu statura zghira, il-kwerelant huwa twil u imdaqqas sew bhala statura.

Dwar x'jikkostitwixxi self defence, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet:
**Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et**[6], fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali rrimarkat:

"*Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega Antolisei – "occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale.*"

Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale**[7] pagna 261, insibu li "*pericolo attuale e' il pericolo presente.*"

[6] 27 ta' Ġunju 2017, Kumpilazzjoni Nru 1366/2012 per Magistrat Consuelo Scerri Herrera

Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.

Fil-fatt kif jgħid il-**Professur Mamo** fin-noti tiegħu:

*"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit.Fid-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u

[7] pg 261

imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement.

Fil-kawza fl-ismijiet, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea**,[8] il-Qorti rreteniet illi "… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."

Illi anke l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Psaila**[9], inghad illi:-

*(a) "Il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*b) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b'l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;*

*c) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*

*d) Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu*

[8] 14 ta' Jannar 1986
[9] 9 ta' Novembru 1963

*ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra)... irid ikun hemm proporzjonalita..."*

L-imputat ghalhekk la darba huwa agixxa sabiex jiddefendi ruhu, huwa qatt ma jista' jinstab hati tar-reat migjub kontrih. Dan peress illi la darba gie ppruvat illi l-imputat agixxa b'dan il-mod sabiex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni ta' Joseph Portelli, minghajr l-intenzjoni illi jikkaguna ebda offiza jew hsara fuq il-persuna tieghu, allura ai termini tal-**Artikolu 223 tal-Kap 9**, ma sehh ebda reat: "*Ma hemmx reat meta...l-offiza fuq il-persuna huma...mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 17, 23, 31, 214, 215, 216 (1) (a) (ii) (iii) (b), 218 (a) (2), 373, 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat COLIN FARRUGIA hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.

Dr. Consuelo Scerri Herrera
Magistrat

Deputat Registratur